**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Dicembru 2022**

**<u>Rikors nru : 82/2018 AGV fl-ismijiet;</u>**

**M C**

**-vs-**

**RC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta'  MC ;**

**Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiddikjara:-**

1. Illi l-kontendenti iżżewġu nhar it-30 ta' April, tas-sena 1995 (ara Dok A); u minn dan iż-żwieġ kellhom erbat (4) ulied, BC li twieled nhar is-26 ta' Marzu 1996, CC li twieled nhar it-12 ta' Settembru 1997 u MN C li twieldet nhar is-26 ta' Mejju 1999 li huma lkoll maġġorenni; u M C li twieldet nhar is-26 ta' Novembru 2005, li għadha minorenni (ara Dok B sa Dok E rispettivament);
2. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba swat, abbuż, *stalking*, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;
3. Illi l-konvenut huwa bniedem kontrolluż u vjolenti fiżikament, emozzjonalment u finanzjarjament fil-konfront tal-esponenti fil-presenza tal-uliedhom; u anke vjolenti fil-konfront ta' uliedu; tant illi l-esponenti kellha tirrikorri għall-għajnuna tal-pulizija diversi drabi;
4. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

5. Illi il-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Marzu 2018 (Dok. F);

6. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

**Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fiżika, psikoloġika, *stalking*, theddid, inġurji

gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti kellha titlob l-għajnuna tal-pulizija;

2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri MC f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;
3. Tordna li l-imsemmija minuri tirrisjedi flimkien mal-esponenti; u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għall-erbat ulied tal-partijiet, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija tfal jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċidu li jibqgħu jistudjaw; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;

5. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-erbat ulied minuri sakemm tkun għadha qed tistudja; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, *transport, donations,* privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;

6. Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri Martina Caruana, fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi

regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport għandu jinżammu mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u oppotun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

7. Toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili u tal-Artikolu 18 tal-Kap 532 tal-Liġijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa, din l-Ordni tigi estiża a favur l-ulied tal-partijiet u l-membri tal-familjari tal-esponenti;

8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;

9. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;
10. Tordna li l-esponenti u l-erbat uliedhom jibqgħu jirresjedu waħedom fid-dar matrimonjali *170, Madonnina, Triq Blat il-Qamar, Siġġiewi*, ad eżkluzjoni tal-konvenut; b'dan illi l-esponenti tkun tista' tbiddel is-seratura tal-istess fond;
11. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni

dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

12. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;
13. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew *in parte* d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
14. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

**Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inklu l-proċeduri ta' medjazzjoni, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta guramentata ta' RC ;**

**Jesponi bir-rispett:**

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-ewwel talba attrici fis-sens illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' mhux minhabba htijiet attribwibbli lilu, izda minhabba htijiet attribwibbli lill-istess attrici li kienet irrendiet ruhha hatja fil-konfront tieghu ta' ingurji gravi u theddid, eccessi u minaccji, kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

2. Illi a rigward it-tieni talba, din ghandha tigi michuda, b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Martina ghandha tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet, b'dan illi d-decizjonijiet dwar is-sahha, l-edukazzjoni, il-hrug tal-passaport u s-safar tal-istess minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri konguntivament.

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tintlaqa', salv access adegwat versu l-esponenti.

4. Illi kwantu ghar-raba' talba, l-esponenti lest illi jivversa s-somma ta' €600 qua manteniment ghall-minuri M u uliedu C u M li ghalkemm maggorrenni ghadhom studenti; madanakollu ma ghandhiex tintlaqa' fil-konfront ta' B, li huwa maggorrenni u jahdem bi qliegh u lanqas ma ghandha tintlaqa' fil-kontront tar-rikorrenti nnifisha, stante illi hija mara b'sahhitha u tista' tahdem f'impjieg produttiv u barra minn hekk hija ddekadiet minn kull dritt ghall-manteniment minghand zewgha, kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

5. Illi l-hames talba ghandha tintlaqa' parzjalment fis-sens illi l-esponenti lest illi jhallas ghal nofs l-ispejjez medici, edukattivi u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri Martina u tal-ulied l-ohra C u M M illi ghadhom studenti.

6. Illi kwantu ghas-sitt talba, il-hrug tal-passaport u s-safar tal-minuri ghandhom isiru bil-kunsens taz-zewg partijiet, b'dan illi l-esponenti ma joggezzjonax illi l-passaport jinzamm mill-attrici, izda bl-obbligu illi fl-eventwalita' illi huwa jkun sejjer isefer mal-minuri, l-istess passaport jigi kkonsenjat lilu mill-inqas xahar qabel is-safra.

7. Illi s-seba’ talba ghandha tigi michuda u dan stante illi l-estremi tal-ligi ma jirrizultawx u li kieku kellha tinghata tali ordni ta’ protezzjoni a favur l-ulied, l-esponenti sejjer jigi mcahhad milli jikkomunika maghhom u ghalhekk jigi eskluz minn hajjithom, kif tixtieq l-attrici u b’detriment ghall-istess ulied.

8. Illi kwantu ghat-tmien talba, din ghandha tigi michuda ghaliex kienet ir-rikorrenti nniffisha illi ddekadiet mid-dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-esponenti, kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

9. Illi rigward id-disa’ talba, din ghandha tintlaqa’.

10. Illi l-ghaxar talba ghandha tigi michuda, b’dan illi d-dar matrimonjali ghandha titpogga ghall-bejgh b’mod immedjat.

11. Illi l-hdax –il talba ghandha tigi michuda peress illi l-konvenut ma ghandu l-ebda beni parafernali ta’ martu fil-pussess tieghu.

12. Illi t-tnax –il talba ghandha tintlaqa’ fis-sens illi l-kuratur ghandu jigi appuntat ukoll fl-eventwalita’ illi tkun l-attrici stess li tkun kontumacja fuq l-att ta’ divizjoni.

13. Illi it-tlettax –il talba ghandha tigi michuda, stante illi kienet l-attrici illi ddekadiet mill-jeddijiet konjugali taghha u ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kap 16, kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

14. Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghall-erbatax –il talba.

**Bl-ispejjez kontra l-attrici.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

**FATTI**

**Responsabbilita'**

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin taghti spjegazzjoni tat-termini legali illi jikkoncernaw dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti sejra tenuncja xi whud minn dawn is-sentenzi u tinkwadrahom fil-fatti kif esposti mill-partijiet.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u***

***huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni***

***bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud,**

**deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi.***" Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.***"

Il-partijiet kienu damu hames snin gharajjes, imbaghad izzewwgu fit-30 ta' April, 1995. L-attrici tghid li ghal bidu kienu ferhanin fiz-zwieg u kienu iktar kuntenti meta kienet inqabdet tqila bl-ewwel wild B  u ftit wara kienet regghet inqabdet tqila bit-tieni wild C.

Il-problemi bdew ftit ftit ghaliex tul dan il-perjodu, il-konvenut kien wera li l-priorita' tieghu kien ix-xoghol  u kien jiehu lill-familja *foregranted.* Ma kienx ighin lill-attrici meta kienet titolbu. L-attrici tispjega li dak iz-zmien ma kinitx issuq u ghalhekk kellha hafna giri bit-tfal, specjalment b'Christian peress li kellu problema bl-eczema.

Il-konvenut jirribatti dan u jghid li l-attrici kienet dejjem ghand il-genituri taghha u ma kienet taghmel xejn id-dar. Kien jasal id-dar u kien ikollu jsajjar ghall-familja,

Minkejja li kienet impenjata sew bit-tfal, il-konvenut kien jippretendi li ghandha tmur tghinu jbiegh il-qubbajt.

Fis-26 ta' Mejju, 1999 twieldet it-tielet wild MN u dak iz-zmien kienet gabet il-licenzja tas-sewqan. Il-konvenut ma ridix isuq u ghamlet snin bil-licenzja u ma ssuqx.

L-attrici tishaq li l-konvenut kien dominanti u ried li dejjem tghaddi tieghu u kien jaqbad jidghi u jinsulentaha jekk kemm il-darba kienet tipprova tesprimi l-opinjoni taghha. L-istess kien ghamel meta ddecieda li ried jarma bil-bank tad-donuts u minghajr ma kkonsultaha kien xtara l-magna u wara li opponiet peress li kienet qed taraha difficli li tkampa bit-tfal u tmexxi dan il-bank kien kisser il-magna. Kellha ccedi u kien wieghdha li ladarba ser tiehu hsieb dan il-bank setghet izzomm il-flus ghaliha, izda dan qatt ma gara ghaliex wara li kienu jispiccaw il-festi kien izomm il-flus ghalih u kien ighid li ghandu l-ispejjes xi jhallas. Kien biss ihalliha zzomm il-flus li kienu jaqilghu fis-sajf.

Kien dominanti hafna u minkejja li kemm il-darba kemm hi u t-tfal kienu jinsistu mieghu li ghajjew b'din it-tip ta' hajja, specjalment b'dawn il-banek, kien jaghmel plejtu shih.

L-attrici tilmenta ukoll li l-konvenut ma tantx kien konsistenti f'xogholu, ghaliex apparti li kellu l-licenzji biex ibieh il-qubbajt u l-helu, kien biddel diversi impjiegi. Kien ghalhekk li kien hemm ukoll perjodu iebes fejn ma kienx qed jahdem u kienu jiddependu biss mill-bejgh tal-qubbajt u l-helu fil-festi u kienu jdurhom kollha. Il-konvenut kien ghamel zmien ukoll isiefer imur Catania biex jixtri xi oggetti u jbieghhom Malta u kien jippretendi li sadanittant l-attrici u t-tfal kellhom jibqghu jbieghu fil-festi. Il-konvenut jirribatti dina l-verzjoni u jghid li kien isiefer biex inizzel ix-xoghol u ma kienx imur jixxala.

L-attrici ssemmi li problema ohra li kellhom kien in-nuqqas ta' rispett tal-konvenut lejn uliedu. Meta kien jitla' Sqallija u ma kienx ikollha bizzejjed flus

kien ighidilha biex tuza' c-childrens allowance jew tiehu mill-karus tat-tfal, Kien iqajjimhom filghodu sabiex iqattghu l-haxix ha jlestu ghat-takeaway u lanqas kien jiehu lit-tifel B li kien jistennih sabiex imur mieghu jarmaw il-Buskett. Lanqas kien jigi ghalih u anke meta kienu jippruvaw iwaqqfuh milli jiekol il-helu peress li kien dijabetiku kien ighidilhom li kien ahjar biex jehilsu minnu.

L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien ighajjarha hafna u kien anke jheddidha u lanqas kien jafda fiha peress li kien iktar jiftah qalbu ma' ommu millli maghha u hafna drabi kien jivvinta qlajjiet fuqha.

Il-problemi komplew jizdiedu skond l-attrici meta l-konvenut kien beda johrog ta' spiss u kien idum barra u qatt ma taha sodisfazzjon ta' fejn kien ikun. Is-sitwazzjoni d-dar kienet saret intollerabbli ghax it-tghajjir u theddid ma waqafx, iktar u iktar meta kienet qaltlu li kienet ser titlaq u tmur tirrappurtah. Rega' dahrilha ghax bezghat mill-konvenut li heddidha li joqtolha jekk tmur ghand il-pulizija.

L-attrici ssemmi ukoll li ghalkemm ippruvat tibghat lit-tfal biex jaghmlu attivitajiet extra-kurrikulari ma rnexxielix peress li l-finanzi kienu limitati. Kienet tistinkalhom ghall-iskola u minflok iheggighom, il-konvenut kien ighajjar lit-tfal li ghandhom imorru jahdmu mhux jistudjaw, tant li kien jimbarazzhom man-nies li kienu mohhom biex jistudjaw. Kienet tuza flus li kien ighatiha missierha u gieli t-tfal kienu juzaw flus li jkunu gemmghu. Ma kienx jattendi l-*parents day* u l-attivitajiet tal-iskola, izda l-konvenut jinnega dan.

Illi gara li fis-sena 2015, il-konvenut kien wegga' ghajnejh hu rega' spicca bla xoghol. L-attrici kienet ippruvat tahdem bhala cleaner, izda l-konvenut ma ridihx tkompli. Kien baqa' jinsisti li ghandha tkompli tmur mieghu meta jarmaw bil-qubbajt fil-festi. Il-konvenut jirribatti dan u jsostni li l-attrici qatt ma riedet tmur

tahdem u peress li kellhom il-loans kellu jahdem hafna u kien ghalhekk li kien jarma bil-qubbajt ukoll. Ighid li l-mara u t-tfal kienu jimmangijaw il-flus li kienu jdahhlu mill-festi u minflok huwa kien imur id-dar jistrieh sabiex imbaghad imur il-Freeport.

Kien f'dan iz-zmien li l-konvenut kien beda jaghmel hafna dejn u ma jhallasx il-kontijiet. Meta l-attrici rat li l-inkwiet beda jizdied kienet marret ghand counsellor u kienet anke talbet l-ghajnuna ta' Fr. Paul. Maz-zmien tghid li l-konvenut kien qataghha minn kollox, kien jinsa l-birthdays taghha u anke l-anniversarji. Kien jidhol id-dar u jitla' 'l fuq.

L-attrici tghid li l-konvenut kien persuna mahmuga, Kienet ghalhekk tevita r-relazzjonijiet intimi mieghu. L-istess kien ihalli l-garaxx mahmug hafna u kien izomm ikel skadut u jippretendi li ghandhom jieklu minnu.

Isemmi ukoll li l-konvenut kien jaghmlilha hajjitha difficli biex jixtrilha n-necessitajiet bhall-fridge u washing machine meta dawn ma kinux jahdmu, imma mbaghad ma kienx isib problema biex jixtri vann ghalih.

F'Lulju, 2017, il-konvenut kien ircieva l-karti tal-medjazzjoni li kienet irpprezentat l-attrici. Il-konvenut ma riedx jaccetta u kien iddecieda li jieqaf jahdem u ried lil kulhadd barra mid-dar ha jbieghha, ma setax jaccetta d-decizjoni tal-attrici li ma riditx tbiddel fehemtha u spicca jara kif ser jikkonvinciha sa anke xtara l-fjuri f'San Valentinu.

Wara diversi incidenti, il-konvenut gie ordnat jizgombra mid-dar konjugali.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

L-attrici tispjega li l-konvenut qatt ma wera interess f'hajjet it-tfal u lanqas fl-edukazzjoni taghhom. Kien jara l-istudju bhala hela ta' hin u kien mohhu biss li jgieghel lit-tfal jahdmu. Jekk kienet toqghod bil-qiedgha mat-tfal biex jaghmlu l-HW kien jidhak biha.

Kien anke jakkuza lit-tifel C,  li kien ibati bl-eczema li minhabba fih kellhom problemi finanzjarji.

Minhabba dan kollu, l-attrici qed tinsisti li jkollha l-kura u kustodja tat-tifla.

**Access**

Permezz tad-digriet tad-19 ta' April, 2018, gie ordnat li l-konvenut ikollu access ghall-bintu nhar ta' Tlieta u Hamis bejn il-5.30 pm u s-7.30 pm u sleepover mill-Gimgha fis-6 pm sas-Sibt fis-6 pm jew mis-Sibt fis-6 pm sal-Hadd fis-6 pm. Il-Qorti kienet ukoll ordnat li m'ghandux ikun hemm il-presenza taz-ziju patern Joseph Caruana peress li kien instab hati ta' abbuz fuq tfal.

Il-konvenut ma kienx konsistenti fl-access, partikolarment fix-xhur tas-sajf, fejn kien jarma iktar ta' spiss. Minhabba f'hekk it-tifla M  kienet tkun iddispjacuta ghaliex kienet toqghod tistennih u ma kienx imur. Kien ghalhekk li kienet irrappurtatu lill-pulizija u ghalkemm M  kienet bezghet, il-konvenut ghamel zmien rega' beda jzomm mal-access, izda mhux ghal hafna.

Kien dejjem icempel lil M biex jipprometti xi haga bhal hwejjeg tad-ditta jew li ser jehodha l-Belt, izda ma kien jigri xejn minn dan.

Fl-2019, l-attrici tishaq, li l-konvenut ma ezercitax l-access iktar minn hames darbiet u anke minhabba l-fatt li t-tifla ma tkunx trid tmur mieghu u ghalhekk l-attrici tinsisti li jkun ahjar li l-access jigi ezercitat b'mod liberu.

Il-konvenut ighid li kien jipprova jzomm kemm seta' mad-digriet izda kemm il-darba kien jipprova jcempel lill-attrici hafna drabi ma kinitx tirrispondi. Ighid ukoll li kien xtrara mobile lit-tifla M sabiex jikkomunika maghha direttament, izda kien ghalxejn ghax hafna drabi ukoll ma kinitx tirrispondi. Kienet tirrispondi biss jekk kemm il-darba kien ikun hemm l-attrici prezenti.

Ighid anke meta jipprova jikkomunika mat-tfal l-ohra hadd ma jirrispondih. Fil-hin tal-access kien hemm problema ukoll ghaliex it-tifla M kien ikollha Skola Sport u ghalhekk kien iwassalha u jaraha biss nofs siegha fil-karozza.

Jinsisti li meta ma setax imur ghat-tifla kien jinforma l-attrici minn qabel, izda kien hemm hafna drabi fejn it-tifla ma kinitx trid tmur.

Issa ilu sena u nofs ma jara lill bintu fuq ghazla tieghu biex ma thossx li qed tigi uzata minnu jew minn ommha.

**Manteniment**

Dwar manteniment l-attrici tghid li b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2018, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €350 ghaliha fix-xahar, filwaqt li ghat-tfal is-somma ta' €500 mensilment.

Tghid li thallas il-privat tat-tifla peress li ghandha l-PE option, ghall-O'Level u jkollha ukoll il-physio. Dan setghet taghmlu llum peress li l-konvenut qed ighaddi l-manteniment.

Tikkonferma ukoll li tircievi ukoll il-beneficcji tas-single mother cirka €180 kull erba' gimghat.

Il-konvenut ighid li kien ghazel li jahdem ghar-rasu u kien ukoll impjegat mal-Freeport. Peress li qed ihallas €650 fix-xahar manteniment, kif ukoll €420 fix-xahar fuq loans, €157.40 ghall-insurance u €2, 400 fis-sena ghall-kirja tal-garaxx li fih izomm it-trukk qieghed f'posizzjoni finanzjarja prekarja.

Illum jispjega li ghadu self-employed u jahdem bhala xufier taht il-Malta Dockers Union. Minhabba l-periklu tax-xoghol kien waqaf jahdem u peress li ma jhallasx bolla m'ghandu dhul ta' xejn. Kien jircievi biss €20 mill-insurance tal-MDU.[1]

Prezentement ghandu biss paga tal-Freeport u peress li kien hawn il-Covid kellu jzarma milli jarma fil-festi ghax waqqfu u lanqas m'ghadu jarma l-Buskett ghax il-genituri tieghu llum huma anzjani u ma jistghux ighinuh.

**RM,** oht l-attrici tikkonferma li l-attrici kienet baqghet tahdem full-time u zammet anke l-part-time, fejn kienet tghin lill-konvenut meta kien jarma bil-qubbajt fil-festi.

Tghid li ftit wara z-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal u kien difficli ghall-attrici biex tlahhaq bix-xoghol u t-tfal u ghalhekk kemm hi u hutuha kienu jghinuha billi jzommulha lit-tfal, specjalment lil C peress li kellu problemi tal-eczema.

[1] Dok. RC 3

Imbaghad tikkonferma li kellhom zewgt itfal ohra u l-istess kienu jghinuha. Tikkonferma li l-attrici kienet tghidilha li kellha problemi u li ma kinitx isserviha l-paga specjalment meta kien ikollha tmur ghand it-tobba minhabba C.

**CC**, bin il-partijiet ighid li llum ma jkellimx lil missieru l-konvenut u dan wara l-mod kif trabbew. Ghalkemm kienu jmorru jghinu lill-konvenut meta kien jarma bil-qubbajt ma kienx ihallihom jieklu minn hemm filwaqt li kien ihalli lil haddiehor. Kienu jieklu hobz u ghagin kuljum peress li ma kienx jaghti flus bizzejjed lill-attrici biex tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum.

Kien iwahhal hafna fih ta' spiss u kien anke dejjem jirrabbja meta kienu jaslu l-kontijiet tad-dawl u ilma.

Jikkonferma dak li tghid l-attrici li l-konvenut kien iridhom jahdmu mieghu u ma jmorrux skola. Kien igieghlhom iqandlu filwaqt li hu joqghod ilablab. Kien anke jqajjimhom sabiex ilestu l-ikel ghall-armar, filwaqt hu kien imur jorqod. Kien anke egoist ghaliex kienu jkunu ghajjenin u ma kienx jimpurtah.

Isostni li l-konvenut qatt ma kellu flus ghalih kull meta kien isaqsih. Ma kienx jinteressah li kien qed jigi bbulijat l-iskola, tant li kienet l-attrici biss li kienet marret l-iskola biex tiehu hsieb. Ighid li qatt ma kien jattendi ghall-parents day jew attivitajiet l-iskola.

Il-konvenut kien lanqas ried ihallaslu sabiex jaghmel ir-resits tal-O'levels ghax kien jahseb li l-iskola ma kinitx importanti. Ma kienx hemm finanzi bizzejjed ghaih biex imur il-privat.

Jixhed ukoll li missieru kien gieghel lilu u lil huh B, biex jixtru vann u kienu hargu xi tmien mitt Euros kull wiehed. Dna il-vann kien baqa' juzah il-konvenut

u skond ma kien qallu l-konvneut kien iskrappjah. Kien anke gieghlu jtih €900 biex imur l-Inghilterra u kien biss bl-intervent tal-attrici li tajhomlu lura. Il-konvenut jirribatti dina l-allegazzjoni u jghid li kien talbu biex izomm il-flus sabiex jirkupra ghax dak iz-zmien ma kien qed jahdem, izda ried il-flus lura. Lanqas qatt ma ried ihallslu ghall-epipen (ghal nut allergy) u kienet thallsha l-attrici sakemm seta' jhallasha hu. Kien ghajjru ukoll li minhabba l-eczema kien hela hafna flus fuqu.

Meta kienu imorru jahdmu mieghu fis-sajf, gieli kien jaghtihom €50, izda ma kienx hemm hafna drabi u kien anke  talab lilu u lil huh commission.

Ighid li l-konvenut huwa persuna li jrid kollox kif irid hu u kien ikun hemm hafna glied mal-attrici, tant li l-attrici kienet riedet tmur ghand counsellor, izda ma riedx imur maghha.

Meta kien iddecieda jieqaf ighin lil missieru, il-konvenut kien mar ighid li ma ridux jarmaw izjed u kulhadd kien jikkummenta ghax ma kinux imorru.

**AG** oht l-attrici tikkonferma li kienet tghin lill-attrici bit-tfal meta kienet tmur tarma mal-konvenut. Issemmi incident fejn kienu waqghu diversi *preserves* li kellu armat il-konvenut u meta marru jtuhomlu, lanqas ma kien deher inkwietat.

Tghid li ghamel zmien jhewden li ried ibiddel trukk fi kjosk u  dak iz-zmien ma kienx jahdem. Kien mar ighinu zewgha, izda kien jilmenta li spicca kien qed jaghmel kollox hu u meta kien jinzel hdejh kien jidher li donnu kien ghadu kemm qam.

Tispjega li fis-sajf waqt il-festi kienu jhobbu jmorru sa hdejn il-partijiet u kien hemm drabi fejn l-attrici kienet tkun irrabbjata peress li l-konvenut ikun nesa' xi

haga u kienu jispiccaw jircievu citazzjoni tal-VAT li kienet tinvolvi multa pjuttost sostanzjali.

Tikkonferma li l-konvenut kien ghamel zmien jitla’ l-Inghilterra biex igib l-affarijiet ghall-kjosk u kien jitlaq u jhalli ftit flus ghall-attrici, li bil-kemm kienet tkampa u kienet gieli talbitha issellifha xi flus,

Tikkonferma ukoll li l-konvenut kien verbalment aggressiv mal-attrici u kien ighajjarha hafna. Kien anke beda johrog hafna u lanqas kienet tkun taf fejn qieghed.

**M MC** , bint il-partjiet tikkonferma lil-konvenut qatt m’attenda l-attivitajiet tal-iskola u dejjem bil-glied biex imur il-Grizma jew il-Precett, ghax il-priorita’ tieghu dejjem kien ix-xoghol. Kien ihallihom b’qalbhom imtertqa sal-ahhar.

Tghid li lanqas ma’ missierha kellu interess fl-iskola u ma kienx jappoggjaha bl-ebda mod u hafna drabi ma hallasx ghall-privatijiet taghha u kienet titlob lil ommha u gieli hallset hi mill-flus li kellha mgemmghin. Il-genituri taghha kienu dejjem jiggieldu ghax il-konvenut qatt ma ried iwassalha l-isports. Tghid li ommha kienet twarrab il-flus tac-childrens allowance u juzawhom meta jkollhom bzonn. Tinnega li l-konvenut kien ighaddi lil ommha cirka €1000 fix-xahar.

Tghid ukoll li l-genituri kienu jiggieldu ukoll minhabba li l-konvenut ma kienx irid l-ikel li tkun sajjret l-attrici.

Tghid li missierha kien ighidilhom li ahjar ghax jehles minnhom meta kienu jikkorreguh fuq l-ikel minhabba li kellu dijabete, Kien aggressiv ukoll mal-attrici u kien gieli tefaghha minn fuq is-sodda u kien iheddiha in kontinwazzjoni.

Kienu waslu fl-estremita' li kienu jibzghu meta missierhom kien jigi d-dar u kulhadd kien jitlaq go kamartu. Tikkonferma ukoll li kien xtralha pjanu li kien iqum il-flus, izda l-ghalliema kienet qaltlu li jekk jixtrilha electronic keyboard kien bizzejjed, izda ma riedx, imbaghad peress li kien qed ihallas bin-nifs kien jibda jirrabbja meta kien jasal iz-zmien li jrid ihallas.

Tghid li l-konveut ma kienx ihallihom johorgu ma' shabhom ghax kien iridhom joqoghdu mieghu fejn kien jarma. Kien lanqas jaghtihom cans jistudjaw jew ilestu l-HW. Meta kien isiefer kien iridhom imorru jarmaw xorta. Kien ihallashom talli kienu jmorru jarmaw fil-festi, imma tghid li ma kienx jaghti paga lill-attrici. L-iktar li kienu jarmaw fil-weekends fis-sajf u fix-xitwa kull nhar ta' Hadd kienu jarmaw il-Buskett.

Tghid ukoll li l-attrici kienet tmur tahsel ghand in-nies, izda l-konvenut riedha tieqaf u jekk kienet ser tkompli tmur kien ser inaqqsilha l-paga.

Tikkonferma li llum hija tahdem u fejn tista' tghin lil ommha finanzjarjament.

**BC** , bin il-partijiet li llum huwa maggorenni ttenni li m'ghandux relazzjoni tajba ma' missieru peress li dan dejjem kien iwaqqaghhom 'l isfel u kien vjolenti maghhom peress li kien ihabbat u jkisser l-affarijiet, kif ukoll kien iheddidhom. Kien anke keccihom mid-dar kemm il-darba.

Itenni ukoll li missierhom ma kienx jappoggjahom ghall-iskola. Spicca mar l-MCast pero' u ghamel kors tal-mekkanik. Xtaq ikompli kors iehor izda minhabba s-sitwazzjoni d-dar iddecieda li ma jmurx.

Dwar ir-relazzjoni bejn il-genituri tieghu, ighid li kienu jiggieldu in kontinwazzjoni fuq affarijiet ta' finanzi, skola u dwar il-bullying li ssubixxa.

Jikkonferma li missieru kien jahdem ghar-rasu u kien jarma bil-pasti, presevres, helu u jghid li bhala familja kollha kienu jahdmu mieghu u  minhabba f'hekk kellhom jiccahhdu minn hafna affarijiet bhal attivitajiet extra-kurrikulari.

Isemmi ukoll zewg incidenti fejn tlewwem ma' missieru, li kien ser jaghmel ghalih.

In kontro-ezami semma li missieru l-konvenut kien habbrieki ghax dejjem hadem, izda l-flus li kien igib id-dar dejjem sparixxew. Dwar l-attrici jghid li din dejjem hadmet ma' missieru. Kien hemm zmien ukoll fejn ighid li kienu anke jipprovdu l-flus huma, ghax missierhom kien imur l-Inghilterra u jinqabad bla flus. Kien isiefer biex jixtri l-ghodda jew xi karozza biex ihalliha go garaxx.
Ighid li l-konvenut kien ighati lill-attrici cirka €30 fil-gimgha u jghid li kuljum kienu jieklu ghagin u hobz.

Jichad li kienu kollha jahdmu fil-gabbana ta' missierhom u kien ihallashom ghax kienu jarmaw bil-qubbajt. Il-konvenut jikkonferma dan. Il-konvenut kien jaghti xi flus lill-attrici u dina kienet tghinhom ghall-iskola.

Jikkonferma ukoll li kien rebah scholarship Southampton u missieru kien offrielu €250, izda ma kienx accettahom. Ighid ukoll li kien kollox imhallas mill-iskola. Jikkonferma ukoll li kien imur privat tal-pittura darbtejn f'gimgha u kien iwaslu missieru. Ighid li kien hemm drabi fejn missieru ma hallaslux ghal-lezzjoni u kien jispicca jhallas hu jew kien jitkellem mal-ghalliem sabiex itih cans. Dan huwa kkonfermat mill-konvenut.

Jikkonferma li l-konvenut kien xtara pjanu ghall-ohtu li kien jiswa Lm1, 700.

Jikkonferma  ukoll li darba f'gimgha kienu jmorru prayer group bhala familja u kien hemm xi darbtejn fejn marru rtir.

Illi huwa technician ma' Farsons u jispjega li hu u hutu li jahdmu kollha jikkontribwixxu sabiex ighinu lill-attrici, ghaliex ma tistax tahdem minhabba problemi li ghandha f'daharha. Qabel jikkonferma, li sabiex ilahhqu kienet tmur tahsel ghand in-nies.

**JC** , missier il-konvenut jikkonferma li hu kien bena d-dar matrimonjali u kien hemm okkazzjonijiet fejn kien ihallas xi affarijiet u kien jirrifondilu l-flus il-konvenut. Ighid li kien izommilhom tal-materjal, pero' mhux ta' idejh.

Jikkonferma ukoll l-verzjoni tal-konvenut li kien  JC  li kien ghamel il-faccata tal-post, kif ukoll il-kamra tas-salott. Ighid li kien ihallsu hu, imbaghad kien jaghtih il-flus il-konvenut.

Jikkonferma li missier l-attrici kien hallas biss ghall-irham tat-tarag u qatt ma' kien mar ighin fil-kostruzzjoni.

Jispjega li kien jarma bil-qubbajd u peress li kien qed jixjieh kien ghadda l-permessi u n-negozju lill-konvenut li ried irawwem lit-tfal fl-istess negozju.

Ighid lil-attrici kienet zammet id-dehebijiet li kienu taw lill-konvenut u kienu tawhom ukoll kcina tal-formajka, frigg u freezer, kif ukoll kien tawha par purtieri ghall-prezz ta' €300 u linfa. Kienet anke hadet giziriana li kienu taw lill-konvenut.

Dan huwa kkonfermat minn  MRC  li kkonfermat dan.

**JC** jikkonferma li kien bena l-faccata tad-dar li kienu qed jibnu l-partijiet. Kien anke bena l-kamra ta' barra li tkopri s-salott. Kien ghamel ukoll nicca u t-tieqa tas-salott li taghti ghall-barra. Ma setax jiftakar kemm kien thallas ghax-xoghol. Ighid ukoll li fuq il-post kien dejjem jara lill-konvenut u missieru.

**WPC 3073 Marianna Grima** pprezentat rapport kif ukoll fedina penali.[2]

**Marisa Russo,** in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg Domestic Violence Unit tikkonferma li kienet social worker tal-attrici u pprezenta n-notamenti tieghu.[3]

**Caroline Mercieca,** tghid li kienet councillor u meta kienet tahdem bhala trainee mal-Victim Support Malta, kienet il-councillor tal-attrici bejn Ottubru, 2015 sa Marzu, 2015.

Kienet tghinha billi taghtiha support emozzjonali u tfehmha kif ghandha timxi mar-ragel taghha peress li kien qed ikollhom id-diffikultajiet l-iktar kif tikkomunika mieghu u peress li l-konvenut kien manipulattiv bil-mod kif kien jiehu hsieb il-finanzi tal-familja. Ma kienx ighid il-verita' u dan skond ma kienet tghidilha l-attrici.

**Valeska Padovese**, in rapprezentanza tal-GU Clinic, Mater Dei kkonfermat li fit-12 ta' Ottubru, 2016, il-konvenut kien mar ghall-check up peress li hass lump, izda mit-testijiet irrizulta kollox fin-negattiv.[4]

**PC 3183 Adrian Chetcuti** pprezenta hames rapporti li ghamlet l-attrici kontra l-konvenut.[5]

---

[2] Dok. WPC1
[3] Dok. MRM 1
[4] Dok. GU 1
[5] Doks. AC1 – AC5

**Gertrude Scerri** pprezentat il-file mediku tal-attrici.[6]

**Manteniment**

Il-konvenut itenni li kien ighaddi €850 fix-xahar ghall-familja u meta t-tfal bdew jikbru kien ighaddilha €1000 fix-xahar. Ic-childrens allowance minn dejjem kien jigi ppercepit mill-attrici.

Dwar manteniment l-attrici tghid li b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2018, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €350 ghaliha fix-xahar, filwaqt li ghat-tfal is-somma ta' €500 mensilment.

Tghid li l-konvenut ghandu impjieg tajjeb mal-Freeport u kellu paga tajba. Kellu anke introjtu peress li jarma fil-festi u dan kien ghadu jaghmlu sal-lum. Tikkonferma ukoll li l-konvenut ghandu permessi ta' hawker, permess sabiex ibiegh il-qubbajt, tat-take away u helu.

L-attrici tispjega li pprezentat prospett tal-ispejjes li ghandha mar-rikors taghha tal-10 ta' April, 2018. Ghandha ukoll diversi spejjes tal-atletika li tippratika Martina u dan peress li ghandha scoliosis. Ghandi spejjes tal-privatijiet ukoll.

L-attrici qed tinsisti ukoll li hi tibqa' tircievi manteniment minghand il-konvenut u dan peress li qed issib diffikulta' ssib xoghol peress li m'ghandhiex il-kwalifiki u peress li trid tkun mat-tifla Martina li hija dyslexic. Tghid ukoll li ma tistax isib

[6] Dok. GS 1

xoghol ta' strapazz ghax hemm riskju li jkollha *slip disk* u t-tabib irrakkomanda li tistrieh.

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' JobsPlus ipprezenta l-employment history u r-registration history tal-konvenut.[7]

Ipprezenta ukoll l-employment history ta' C C, kif ukoll ta' MN C. [8]

**Ivan Cilia**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jispjega illi l-konvenut kien jippercepixxi c-childrens allowance, izda l-beneficcjarja dejjem kienet l-attrici u dan sal-4 ta' Jannar, 2019.[9]

Dwar l-attrici jispjega illi minn Jannar, 2019 bdiet tippercepixxi c-childrens allowance. Bejn l-14 ta' April, 2018 u sas-16 ta' Novembru, 2018 kienet tircievi ghajnuna socjali. Hawn infurmat lid-Dipartiment li kienet ha tibda impjieg u ghalhekk bdiet tircievi ghajnuna socjali tapering bejn is-17 ta' Novembru, 2018 u t-8 ta' Frar, 2019.[10]

Mid-9 ta' Frar, 2019 regghet bdiet tippercepixxi ghajnuna socjali peress li kienet itterminat l-impjieg.[11]

**Saviour Theuma** in rapprezenta tal-istess Dipartiment ipprezenta dokumentazzjoni biex jikkonferma l-beneficcji li rceviet l-attrici minn Jannar, 2018 sal-2021.[12]

---

[7] Dok. JSC1 – JSC 3
[8] Doks. JS 1 u JS 2
[9] Dok MCD 1
[10] Dok. MCD 3
[11] Dok. MCD 4
[12] Dok. ST

**David Bezzina** in rapprezentanza ta' Outlook Coop ikkonferma li l-attrici kienet hadmet maghhom bejn Ottubru, 2018 sa Jannar, 2019 fuq progett ta' hit and run tal-Wasteserv u l-attrici kienet tahdem bhala *promoter*. Ipprezenta l-formula tat-terminazzjoni tal-impjieg, kif ukoll l-engagement.u l-FS 3.[13] It-terminazzjoni saret peress li l-progett kien wiehed specifiku bit-termini specifici.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

L-attrici elenkat il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u semmiet is-segwenti:-

**Vetturi** – tispjega li hi ssuq Fancargo li kienu xtraw fiz-zwieg u tixtieq izzommha.

Tghid li l-konvenut juza Van Transit sabiex jarma fil-festi u dan inxtara fiz-zwieg. Kienu xtraw ukoll trukk biex ibighu t-takeaways, izda dan kien iggaraxxjat f'garaxx li kienu jikru s-Siggiewi u peress li l-konvenut kien ihallih barra kienu qed jaqilghu hafna citazzjonijiet. Kien hemm loan mal-HSBC fuq dan it-trakk li kienu xtrawh ghall-prezz ta' Lm15, 000.

Kienu xtraw Van transit iehor li ukoll ma kienx qed jintuza u lanqas mhux inxurjat.

Il-vettura tal-marka Skoda kienet inxtrat recentement u l-konvenut juzaha biex imur biha x-xoghol.

[13] Dok. DB1 – DB 3

Kienx xtraw karozza ohra Vectra mill-Inghilterra second hand u ghal xi raguni jew ohra, il-knvneut qatt ma ried li tintuza, biex inzammet f'garaxx, ghadha bil-pjanci tal-Inghilterra u lanqas tintuza.

Kien hemm ukoll Van Transit iehor li kienu xtrawh it-tfal B u C ghall-valur ta' €1800, izda f'isem missierhom peress li kienu ghadhom taht l-eta'. Tghid li ma tafx sar minnha izda l-konvenut ghandu jikkumpensa lit-tfal.

**<u>Garaxx fi Triq il-Harruba, is-Siggiewi</u>**

L-attrici tispjega li l-konvenut kien iddecieda li ried jikri garaxx is-Siggiewi biex idahhal it-trukk. L-attrici ma kinitx taf sakemm ma kinitx cemplet bint sid il-kera sabiex jiftiehmu fuq il-kera li kien ser ikun ta' €500 kull tlett xhur.

L-attrici tammetti li rrifjutat li tiffirma l-iskrittura tal-kera u dan minhabba li ma ratx l-iskop wara dina l-kirja. Saret taf li l-konvenut minflok iffirma ghan-nom taghha minghajr ma talabha.[14] Ghalhekk l-attrici qed titlob li dina l-kirja tinzamm mill-konvenut u jhallas kwalsiasi arretrati li hemm.

L-attrici qed tippretendi pero' li tiehu sehemha mill-mobbli li kienu jinstabu f'dan il-garaxx relatat max-xoghol tal-festi, bhal bank tad-donuts, l-ghodda u l-istand.

Il-konvenut jikkonferma li f'dan il-garaxx kellu hafna affarijiet izda sal-lum ma jafx x'sar minnhom. Kien hemm ukoll xi affarijiet ta' certu R C , li kien habib

---

[14] Dok. RC 7

tieghu, izda l-attrici ma kinitx tiftahlu meta kien imur ihabbat ghalihom. Ighid ukoll li kien nefaq hafna flus biex jarma l-garaxx minhabba s-sanita'.

**<u>Permessi</u>**

L-attrici ssemmi diversi permessi li kienu jipposjedu u dawn kienu permessi biex jarmaw u jbieghu l-ikel u l-helu fil-festi u l-konvenut ghandu licenzja tal-kummerc ghall-kjosk. Ghal dina l-licenzja tghid li kienu jhallsu somma lit-Trading Licensing Unit.[15] Il-konvenut ghandu ukoll il-permess sabiex ibiegh il-qubbajt u dan gej mill-familja tieghu.

Meta kienu jarmaw fil-festi kienu jhallsu lil Kunsill talli kienu jarmaw u kienu jhallsu xi haga ghat-tindif.[16]

Tikkonferma li l-konvenut kien ghadu jarma kemm Malta kif ukoll f'Ghawdex.

Tghid li ghalkemm ma topponix li l-konvenut izomm dawn il-permessi qed tippretendi li tinghata kumpens xieraq minn dan in-negozju.

**<u>Affarijiet ohra</u>**

L-attrici tinsisti li l-konvenut ghandu zewg gabbani, wahda tinstab ghand xi habib li ma tafx min hu, filwaqt li l-ohra tinstab go ghalqa faccata tad-dar taghhom. [17]

**<u>Banek u flejjes</u>**

---

[15] Dok. MC 5
[16] Dok. MC 6
[17] Dok. MC 7

L-attrici tikkonferma li t-tnejn ghandhom il-kontijiet bankarji rispettivi taghhom u ghandhom loan li tinstab f'isimhom it-tnejn.

**Insurance**

L-attrici tikkonferma li ghandhom life insurance minhabba l-loan li jridu jhallsu mal-MSV Life. Ghandhom ukoll insurance ohra li qedgha fuq isem il-konvenut, li kienu fethu meta kienu gharrajjes mal-Middlesea plc. pero' tghid li m'ghandix informazzjoni fuqha.

Tghid ukoll li l-konvenut ghandu Life Insurance Savings Pollicy mal-HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.

**Dejn**

i) Hemm zewg loans mal-HSBC u jithallsu €400 fix-xahar. Kienu ttiehdu dawn il-loans meta l-konvenut ma kienx qed jahdem sabiex jarmaw it-trakk ghat-takeaways. Dawn qed jithallsu mill-konvenut u tghid li hi m'ghandhiex minn fejn thallas. It-trakk illum jinsab fil-garaxx.

ii) Dejn mal-Arms hemm l-arretrati li ma kienx ihallas il-konvenut. Minn mindu telaq l-attrici qed thallas pero' l-kontijiet ghadhom ma darux fuqha.

iii) Hemm diversi citazzjonijiet li rcieva l-konvenut u l-attrici mhix disposta li thallas ghalihom hi.

iv) Il-konvenut isemmi ukoll li ghandu dejn ta' €14, 000 ma' Philip u Savious Bonello maghrufin bhala "Tal-Mazina" ghax-xoghol ta' bini

ta’ trakk. Il-konvenut jammetti li minn dan id-dejn mhu qed ihallas xejn.[18]

**Assi parafernali**

L-attrici elenkat il-lista ta’ oggetti parafernali li kienet irceviet minghand il-genituri taghha.[19] Tikkonferma ukoll li fiz-zwieg missierha kien taha Lm1500 u kienet uzathom sabiex taghmel l-irham tat-tarag.

Il-konvenut jinsisti li l-attrici zammet id-deheb li kienu tawh il-genituri tieghu u dan wara li gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali u waddbitlu kollox fil-garbage bags. Ighid ukoll li kellu gizirana tad-deheb li ma tfaccatx.

**Dar Matrimonjali**

Id-dar matrimonjali kienu xtrawha permezz ta’ kuntratt fis-6 ta’ Frar, 1996 fl-atti tan-Nutar Philip Said u kellhom jizvillupaw l-art fi zmien tlett snin peress li kienu hadu skema mill-Housing Authority li tawhom somma sabiex ilestu l-post.[20]

Tghid li hafna nies kienu jghinu fil-bini tad-dar u anke hi kienet tghin. Il-konvenut jinsisti li kien missieru li kien bnielhom id-dar, filwaqt li hu kien ihallas ghall-materjal. Izid ighid li qabel ma zzewwigu kellu Escort li bieghha sabiex ikollu iktar flus ghall-materjal. Il-konvenut itenni li certu JC kien ghamel il-faccata tad-dar u s-salott.

---

[18] Dok. RC 2
[19] Dok. MC 8
[20] Dok. MC 9

Il-konvenut jispjega li l-ftehim mal-attrici kien li hu kellu jhallas l-ispejjes tad-dar, filwaqt li l-attrici kellha thallas l-ispejjes tat-tieg, haga li m'ghamlitx.

L-attrici tishaq li ghall-bidu prattikament ma kellhom xejn fil-post, izda mbaghad bdew jirrangaw u kienu bidlu mejda, il-bank tal-kcina, xtraw il-kmamar tas-sodda, xi appliances, pjanu, salott u sottospecchio. Kienu anke fdew ic-cens fl-1998.[21] L-irham u l-hadid tat-tarag saru mill-attrici bil-flus li kien taha missierha.

L-attrici qed tinsisti li ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali sakemm it-tifla taghlaq 18-il sena u dan peress li l-konvenut huwa hati tat-tifrik taz-zwieg u m'ghandhix il-mezzi sabiex tikri post.

**Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezentat diversi kontijiet bankarji li rrizultaw.[22]

**Alison Mifsud Brimmer**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ipprezentat diversi kontijiet bankarji.[23]

**Lorraine Attard** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li l-partjiet kellhom zewg loan accounts u kienu joint. Il-kontijiet huma 05451204200 li qed jithallas mill-kont li jgib in-numru 204001054051 u l-loan li hemm tal-mortgages department bin-numru 18020178 u qed jithallas mill-istess kont. Tikkonferma li l-loans kienet qed jithallsu.[24]

[21] Dok. MC 10
[22] Doks. JBC 1 – JBC 17

[23] Dok. HSC 1 – HSC 6
[24] Dok. LAX1 – LAX 3

Gie kkonfermat mill-attrici stess li kien il-konvenut li kien qed ihallas il-loans.

**Marie Elise Aquilina**, in rapprezentanza tal-APS Bank ipprezentat diversi dokumenti relatati mal-kontjiet bankarji.[25]

**Marie Louise Pizzuto** in rapprezentanza ta' Mapfre MSV Insurance esebit polza ta' investiment.[26]

**Andrew Pizzuto**, in rapprezentanza ta' Mapfre Middle Sea Insurance pprezentat diversi poloz ta' assikurazzjoni.[27]

**Reuben Bonnici** in rapprezentanza ta' ARMS Ltd. Ipprezenta tlett kontijiet.[28] Ikkonferma li d-dawl tal-post 170, Madonnina, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi ma kienx gie sospiz. Kien hemm tlett notices pero' f'Ottubru, 2016, Novembru, 2017 u Frar, 2019.

**Paul Demajo Albanese**, in rapprezentanza tal-Ministru ghall-Ekonomija, Investimenti u investimenti zghar ikkonferma li kien sab erba' licenzji ta' street/market hawker f'isem il-konvenut.[29]

**Dr. Maria Delia**, Nutara tghid li l-konvenut kien jikri garaxx minghand C li huwa missierha u dan tal-ahhar kien talabha sabiex tlestilhom skrittura privata. Tikkonferma li kienet tkellmet mal-konvenut biss u kienet infurmatu li l-attrici kellha tiffirma l-istess skrittura ukoll u ghalhekk kienet hallietha

---

[25] Dok. MEAC1 – MEAC 2
[26] Dok. MLP 1
[27]Dok. AP 1 – AP 3
[28] Doks. RBA 1 – RBA 3
[29] Dok. PDA 1

mieghu. Tghid li mhix certa jekk l-iskrittura qatt inghatax lura. Tghid ukoll li gieli kienet tikkomunika mal-konvenut sabiex tfakkru biex ihallas.

Tikkonferma ukoll li l-konvenut ma kien talab xejn partikolari x'tikteb fl-iskrittura.

**Tonio Borg**, in rapprezentanza ta' Mediterranean Insurance Brokers ikkonferma li ghandhom borza ta' assikurazzjoni li tkopri il-bini 170, Madonina, Triq Blat il-Qamar, is-Siggiewi. Il-proprjeta' hija assikurata ghall-valur ta' €69, 881.[30]

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li qatt ma kien hemm vetturi rregistrati fuq l-attrici, filwaqt fuq il-konvenut irrizulta li kellu u ghada ghandu vetturi rregistrati fuq ismu.[31]

**Dr. Sonia Consiglio** in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentat informazzjoni dwar transfers, liabilities u fidi.[32]

**Karl Borg** in rapprezentanza tal-Lands Registry pprezenta kopja tal-file relattiv li jgib in-numru X 07103.[33]

**Andrew Xuereb**, in rapprezentanza tal-Housing Authority ipprezenta kopja tal-file relattiv li jgib ir-referenza HOS 337/90 fejn jinstabu l-konvenju datata 19/8/1991 tal-proprjeta' Plot 14, is-Siggiewi, il-kundizzjonijiet ta' meta hadu

[30] Dok. MIB 1
[3131] Dok. SC3 u SC4
[32] Dok. SC 1
[33] Dok. Kb 1

l-plot, kif ukoll il-polza tal-Awtorita' f'kaz li l-plot jigi zvillupat jew mibjugh.[34] Il-kuntratt finali li sehh fis-6 ta' Frar, 1996 ma nstabx fil-process.

**RC** jistqarr illi kien jipprovdi l-partijiet il-qubbajt wholesale, li imbaghad huma kien ibieghu. Ighid ukoll li kellu xi affarijiet ghand il-partijiet u dawn kienu jikkonsistu f'affarijiet biex jarmaw l-istalls u cioe' pwiezen, xi fallakki tal-injam illi jintuzaw fl-armar, tabella u vetrini fost xi affarijiet ohra.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Responsabbilita'

L-attrici tattribwixxi lill-konvenut l-htija tas-separazzjoni u dan minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi. L-ilmenti tal-attrici specifikatament jirreferu ghall-ossessjoni tal-konvenut bix-xoghol u li kien jaghtih priorita' fuq il-familja, l-abbuz finanzjarju u l-atteggjamenti tieghu fil-konfront taghha u tat-tfal li kienu nieqsa minn kull forma ta' empatija.

Dwar ix-xoghol dina l-Qorti bla ebda mod mhi qed tikkundanna l-konvenut li kien multi-tasking, fis-sens kellu l-impjieg tieghu, kien jahdem part-time ukoll u mbaghad, partikolarment fix-xhur tas-sajf kien jarma bil-qubbajd fil-festi. Kien jarma ukoll f'kwalsiasi festa li kien ikun hemm u fil-weekend kien imur jarma l-Buskett.

Dan in-negozju wirtu mill-famija tieghu fejn dejjem hadem ma' missieru ibiegh il-qubbajt u kien beda jahdem ta' eta' zghira. Ghalhekk dina l-Qorti tifhem li

[34] Doks. AX1 – Ax 4

trabba b'mentalita' fejn ix-xoghol huwa kollox u l-edukazzjoni hija irrelevanti, mentalita' ferm differenti minn tal-attrici.

Il-konvenut ma jsibx problema jammetti li sabiex ighijjex il-familja ma kienx ihallas it-taxxa u l-bolla mix-xoghol tal-bejgh tal-qubbajt. Kien jippretendi pero' li l-familja kollha taghti l-kontribut taghha, anke jekk it-tfal kellhom l-homework jew kellhom x'jistudjaw jew addiritura l-attrici kienet tkun ghajjiena wara gurnata tiehu hsieb it-tfal. Kien jippretendi li ghandhom jieqfu minn dak li jkunu qed jaghmlu u jiddedikaw il-hin taghhom ghax-xoghol. Meta uliedu bdew jirrifjutaw minhabba l-impenji taghhom kien beda jirridikolahom li kien mohhhom fl-iskola u ma ridux jahdmu.

L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma involva ruhha f'hajjet it-tfal, jekk hija l-iskola, Parents Day jew xi attivita' ohra relatata jew attivitajiet extra-kurrikulari. Kwazi kien qed jaghmilhom pjacir biex jattendi ghall-Precett jew Grizma tal-partijiet ghax dejjem bit-tgergir. Dan huwa kkorroborat minn ulied il-partjiet. Bernard addiritura jsostni li missieru lanqas kien ikkoncernat li kien qed jigi bbulijat mill-iskola. Kienet l-attrici li kienet hadet hsieb. It-tifel C, kellu bzonn l-epipen peress li kellu allergija ghan-nuts. Hemm verzjonijiet kontrastanti peress li l-konvenut ighid li dejjem hallas, izda ibnu C jichad dan. L-istess C isemmi kemm hassu imwegga' meta missieru akkuzah li kien hela hafna flus biex jikkuralu l-eczema li kellu. Dina l-verzjoni hija kkorroborata mill-attrici, kif ukoll minn uliedha.

Il-konvenut jipprova jiggustifika li l-ewwel interess li kellu kien li jmantni lill-familja tieghu u kien ghalhekk li kien jahdem hafna. Pero' jichad li ma kienx jiddedika hin ghat-tfal u jsemmi li kien xtara pjanu ghall-bintu MN , kif ukoll kien iwassalha ghal-lezzjonijiet tal-pjanu, kif kien jaghmel ma' ibnu B li kien jattendi ghal-lezzjonijiet tal-pittura. Ghalkemm dawn uliedu ma jichdux li kien

iwassalhom, il-verzjonijiet taghhom huma kkorroborati fis-sens li dawn id-drabi li kien iwassalhom kienu rari u kkaraterizzati b'hafna tgergir.

L-attrici lmentat ukoll fuq l-abbuz finanzjarju. Kif irrizulta mill-provi fuq il-komunjoni, il-konvenut kien jaghmel id-dejn minghajr hafna drabi ma jikkonsulta mal-attrici. Kien mohhu biex ikabbar in-negozju taghhom biex setghu jkunu kompettivi u bhala rizultat beda jixtri gabbana. ghodda tat-take aways u magna tad-donuts, kif ukoll oggetti relatati mal-armar fil-festi.

Il-konvenut ukoll kien isiefer regolarment jew Sqallija jew l-Inghilterra biex jixtri xi prodotti biex ibiegh bhall-preserves, bir-rizultat li kien idum imsiefer u kien ihalli lill-attrici b'cirka €120 fil-gimgha biex tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja. L-attrici kienet dejjem tinkwieta li mhux ser iservuha u kien hemm drabi fejn kellha tissellef il-flus minghand missier il-konvenut.

Hut l-attrici AG u RM jikkonfermaw li l-attrici kemm il-darba lmentat maghhom li l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus. Kien igieghla tahdem hafna, tant li kienu jithassruha u kienu jghinu billi jzommulha t-tfal.

L-attrici kienet xtaqet tmur tahdem, izda l-konvenut minn dejjem oppona u anke meta ghamlet xi zmien tmur tahsel ghand in-nies, kien heddha li ser inaqqsilha l-flus.

Kien anke rresista li jixtru fridge u washing machine godda ghax ghalih dawn ma kinux necessita'.

Meta kienet tipprova tikkontrolla l-infiq tieghu, kien jirresisti u jghidilha li ma ried ipaxxi lil hadd billi jbiegh trukk jew biex ma jikrix garaxx.

Kemm l-attrici kif ukoll ulied il-partijiet jikkonfermaw li hafna drabi missierhom kien idum barra u meta jasal lura d-dar ma jkunx irid jiekol mill-ikel li tkun sajjret l-attrici. Il-konvenut jaghti verzjoni kontrastanti u jghid li hu kien dejjem isajjar ghaliex l-attrici kienet tqatta' hafna hin ghand il-genituri taghha. Effettivament dan huwa l-uniku lment li jaghmel il-konvenut fil-konfront tal-attrici.

Dwar l-aggressjoni u l-attitudni vjolenti tal-konvenut, l-attrici ressqet provi konvincenti. Marisa Russo, mid-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika gewwa l-Agenzija Appogg tikkonferma li kienet ghamlet kuntatt maghhom l-attrici fis-26 ta' Awissu, 2014 fejn semmiet li kienet ikkoncernata peress li l-konvenut kien qed ikun aggressiv, billi jaqleb il-mejda meta ma jkunx irid jiekol l-ikel taghha. Qaltilha ukoll li kemm il-darba l-konvenut kien jirrabja kien jibda jkisser, jinsulentaha u anke jheddidha. L-attrici ammettiet ukoll li l-konvenut kien anke jwaddabha minn fuq is-sodda u dina l-verzjoni hija kkorroborata minn ulied il-partijiet.

L-istess Russo tenniet li l-attrici kienet baqghet in kuntatt maghha u kemm il-darba kienet semmiet incidenti fejn il-konvenut kien kisser xi oggetti, heddidha li ser jaghmel suwicidju  u ghajjarha mignuna. Dan huwa kollu kkorroborat mill-attrici u anke minn Caroline Mercieca counsellor tal-attrici. Kull meta l-attrici talbet lill-konvenut biex imorru counselling dejjem irrifjuta.

It-theddid, l-insulenza u anke theddid li ser iwegga' lilu nniffsu jew jaghmel suwicidju kienu zdiedu meta l-attrici kienet bdiet il-medjazzjoni sabiex tasal ghas-separazzjoni. Il-konvenut jipprova jtaffi dawn l-akkuzi billi jghid li minkejja diversi rapporti li saru mill-attrici kontrih, qatt ma ttiehdu passi mill-pulizija kontrih. Lanqas meta kienet allegat li l-konvenut kien hebb ghall-binhom  B, izda l-verzjoni attrici tidher bhala l-aktar wahda veritiera peress li Bernard stess tkellem b'mod genwin dwar dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi jirrizulta li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi.

**<u>Kura u Kustodja/Access</u>**

It-tfal tal-partijiet huma lkoll maggorenni, hlief ghal M  li ghandha sbatax-il sena.

Ghandu jigi kkunsidrat li M  llum prattikament kwazi maggorenni u ghalhekk ikun inutli li dina l-Qorti tiddeciedi u taghmel tibdiliet sostanzjali minn dik li hija l-hajja tal-minuri llum. Il-Qorti qed tirrferi ghall-fatt li M ilha tghix m'ommha u missierha l-konvenut ma tantx kien prezenti f'hajjitha, peress li dejjem kien ikun xoghol.

Mill-assjem tal-provi gie kkonfermat li l-konvenut kien kontra li t-tfal jistudjaw u li jaghtu priorita' ghall-edukazzjoni taghhom. Kien iktar iffukat fuq ix-xoghol. Kien jippretendi li jhallu kollox u jghinuh fl-armar tal-qubbajt u anke l-gabbana li kien jiggestixxi. Fejn kienu jopponu kien ighajjarhom u jheddidhom. Ma kienx hemm empatija lejhom fl-ebda hin u jekk kien ighinhom f'xi haga kien jibqa' jtambar biha.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tilqa' l-proposta li l-kura u kustodja ghandha tkun wahda konguntiva, izda ghandha tibqa' esklussiva ghall-attrici.

**<u>Access</u>**

Dwar l-access permezz ta' digriet datat 19 ta' April, 2018, gie ordnat access ghall-minuri kull nhar ta'  Tlieta u Hamis bejn il-5.30 pm sas-7.30 pm Il-konvenut ma

kienx konsistenti fl-ezercitazzjoni tal-access. Kien ihalli lill-minuri xi kultant, tant li beda jikkaguna hafna stress lill-minuri li kellha tehodha ghand tabib.

Il-konvenut jinsisti li fejn seta' kien isewgi d-digriet tal-access, izda l-attrici ma kinitx tirrispondih meta kien jipprova jcemplilha biex jitkellem maghha fuq l-access. Kien anke xtara mobile lill-minuri sabiex jikkomunika maghha direttament, izda l-istess minuri ma tantx kienet tirrispondih dan il-mobile, hlief jekk kienet tkun hdejn ommha u kienet tirrispondi bi ftit kliem.

Minhabba dina s-sitwazzjoni, il-konvneut iddecieda li jwaqqaf l-access minn jeddu u dan sabiex il-minuri ma thossix uzatha kemm minghandu kif ukoll minn ommha l-attrici.

Il-Qorti tirrileva ukoll, li llum l-minuri kif gia' accennat fi ftit xhur issir maggorenni u ghalhekk ghandha l-eta' taghha u kapaci tiehu d-decizjonijiet wahedha. Ghalhekk dina l-Qorti mhix ser tiffissa l-granet u hinijiet tal-access u thalli l-minuri fil-liberta' li tikkomunika ma' missierha sabiex ikun hemm access u dina l-Qorti theggigha sabiex taghmel sforz biex terga' tibni bond ma' missierha

**<u>Manteniment ghall-minuri</u>**

Permezz ta' digriet datat 30 ta' Mejju, 2018, il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €350 bhala manteniment ghall-attrici, kif ukoll €500 ghal tlett ulied. Permezz ta' digriet datat 15 ta' Dicembru, 2020, gie ordnat manteniment ta' €300 ghall-minuri M, liema manteniment jinkludi spejjes ta' sahha u edukazzjoni ordinarji.

Illi l-principju legali tal-manteniment jistrieh fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili illi jistabilixxi li z-zewg geinturi ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta'

uliedhom. Huwa principju ben stabbiit mill-Qrati taghna illi l-manteniment ghall-ulied mhuwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari, izda huwa obbligu assolut.

Biex jigi kkwantifikat il-manteniment, dina l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni zewg elementi fundamentali u cioe' l-bzonnijiet tal-minuri u l-mezzi tal-esponenti.

Martina llum hija studenta l-Mcast u ssegwi l-kors ta' Advanced Diploma in Sports. Illum l-ispejjes taghha skond l-attrici jinvolvu spejjes relatati mal-isport, stationery, spejjes medici kif ukoll pocket money u hwejjeg.

Id-differenza biss kienet li sakemm kienet l-iskola kellha l-ispejjes tal-privat.

In kwantu ghall-mezzi tal-konvenut jikkonferma li jahdem il-Freeport fejn ghandu paga ta' €18, 000 gross, b'cirka €933.22 fix-xahar.[35] Ighid li tali salarju jhallas ukoll €410.58 fix-xahar rapprezentanti repayments ta' zewg loans li hemm pendenti mal-HSBC Bank Malta plc. Ihallas ukoll €50 kull xahar rapprezentant hlas ta' life insurance policy mal-MSV Life. Ihallas ukoll €2000 fix-xahar bhala kirja tal-garaxx fejn jinzamm it-trukk.

L-attrici tinsisti li l-konvenut ghandu introjtu iehor mill-armar fil-festi. Ghalkemm iddikjara li fit-tlett xhur tas-sajf tas-sena 2019 kien qala' cirka €1400 fit-tlett xhur tas-sajf, illum ighid li m'ghadux jarma. L-attrici tikkontesta l-verzjoni tal-konvenut stante li jekk jitqies li sal-lum qed ihallas manteniment fis-somma ta' €650 fix-xahar, il-loans, il-kirja tal-garaxx u jsiefer dan ma jikkombacax ma' dak li jiddikjara l-konvenut li l-finanzi tieghu huma baxxi. Il-

[35] Dok. RGX 3

kontijiet tal-loan li esebit Lorraine Attard sal-11 ta' Jannar, 2022, juri li l-konvenut ta' kull xahar jiddepozita flus sabiex jithallsu l-loan.

Dina l-Qorti hija konvinta li minn x'imkien il-konvenut qed idahhal introjtu iehor, apparti dak tal-impjieg tal-Freeport u l-verzjoni tieghu li ma jarmax iktar mhux kredibbli. Ighid ukoll ma jistax jircievi pensjoni peress li qatt ma hallas bolol.

Inoltre, ghalkemm l-attrici qed tinsisti li l-manteniment ghall-minuri Martina ghandu jizdied ghal €400, il-bzonnijiet tal-minuri ma jidhrux li jinnecessitaw zieda fl-ammont. Ghaldaqstant, dina l-Qorti ser tikkonferma l-ammont ta' €300 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri u dan ghandu jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq 23 sena peress li jirrizulta li ghadha qed tistudja.

**Manteniment ghall-esponenti**

Jirrizulta li l-konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni jew irrifjuta li jhallas manteniment ghall-attrici. Ittenta biss jiggustifika tnaqqis fl-ammont ta' manteniment ghall-minuri M.

L-attrici ressqet provi li mhux f'posizzjoni li tmur tahdem minhabba li ghandha problemi f'darha.[36] Inoltre, kienn hemm zmien fejn hadmet bhala cleaner, izda l-konvenut kien kontra u kien iheddidha li jwaqqfilha l-flus jekk kemm il-darba tkompli tahdem. Dina l-verzjoni hija kkorroborata minn ulied il-partijiet. L-attrici ma hbitx li llum qed tahdem part-time mad-Dar Samaritan fil-kcina u tippercepixxi €500 fix-xahar. Semmiet l-ispejjes li ghandha li jinkludi spejjes medici, kif ukoll tal-utilitajiet.

[36] Dok. MCC1

Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li l-attrici dejjem hadmet hafna mal-konvenut meta kien jarma u dejjem ppruvat tghin u tkun hemm ghall-uliedha u ghalhekk taqbel li dina l-Qorti ghandha tiehu dan in konsiderazzjoni tenut kont ta' dak li hemm stipulat fl-Artikolu 54(2) Tal-Kodici Civili, fejn il-legislatur irrikonoxxa li in linea ta' manteniment, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni il-hiliet tal-parti mizzewwga li taghmel qliegh u jekk din giet imnaqqsa minhabba li kellha, waqt iz-zwieg, tiehu hsieb id-dar u t-trobbija tat-tfal.

Jekk wiehed iqis li l-attrici dejjem stinkat f'dan l-aspett u ma kellhiex ghazla ghax kellhom erbat itfal mhux gust li ser tispicca b'pensjoni minima peress li l-konvenut qatt ma hallas bolla u taxxa. Ghalhekk ikun gust li tibqa' tircievi €350 fix-xahar minghand il-konvenut.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

**<u>Kontijiet bankarji u djun mal-HSBC Bank Malta plc.</u>**

Hemm qbil li kulll parti ghandha kontijiet bankjarji f'isimha separatament u anke konguntivament. Dawn ghandhom jinzammu minn kull parti rispettivament, filwaqt li dawk li huma kongunti ghandhom jinqasmu bejn il-partjiet.

Huwa kkonfermat bejn il-partjiiet li hemm zewg loans, business loan bin-numru 054-151204-200 kif ukoll homeowner loan bin-numru 18020178. Mhux ikkontestat li dawn iz-zewg loans qed jithallsu mill-konvenut u mhux ikkontestat ukoll li dawn il-loans ittiehdu sabiex inxtara it-trakk DAF Leyland bin-numru ta' registrazzjoni FAE 565. L-intenzjoni tieghu kien sabiex itejjeb in-negozju. L-attrici ssostni li kienet opponiet ghall-akkwistt ta' dina l-vettura u kienet iffirmat

biss ghas-semplici raguni li kienet tibza' li l-konvenut jispicca jissellef il-flus bl-uzura.

Tenut kont tal-fatt, li kien il-konvenut li nsista li jinxtara dan it-trukk u l-attrici kienet kontra u tenut ukoll tal-fatt li l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, dawn il-loans ghandhom jibqghu jithallsu mill-konvenut.

Hemm qbil bejn il-partijiet li l-attrici ghandha thallas sehemha mill-home insurance li hallas il-konvenut u cioe' s-somma ta' €82.88 fis-sena 2019 sa 2022. Ghalhekk ghandha thallas is-somma ta' €165.76 rapprezentanti sehemha minn dawn l-ispejjes.

**Vetturi**

**Van Transit bin-numru ta' registrazzjoni IBH 421**

Dwar dan l-van in kwistjoni, il-konvenut ighid li dan kien inxtara ghat-tfal B u C tal-akkwisti u ghandu jghaddi sehemhu lill-attrici.

Il-verzjoni tal-attrici, kif ukoll ta' ulied il-partijiet hija kontrastanti, fis-sens li B u C jikkonfermaw li huma kienu hargu l-flus ghal dan il-van u kien bl-intervent tal-attrici li fl-ahhar hadu l-flus li kien jiswa €1400. Dak iz-zmien isostni C il-konvenut kien bla xoghol u kien talbu jsellfu l-ammont ta' flus biex ikampa.

Dina l-Qorti temmen il-verzjoni attrici u ghalhekk tordna li l-van mhux tal-komunjoni tal-akkwisti u ghandu jigi assenjat lil uliedhom B u C.

**Vann Transit bin-numru ta' registrazzjoni AAQ 372**

Hemm qbil bejn il-partjiet li l-konvenut ghandu jzomm dan il-van u jghaddi lill-attrici s-somma ta' €200 ghal istess, wara l-valur tal-vettura giet stmata ghas-somma ta' €400 minn Natalino Agius,  assessur tal-vetturi.

**Vann DAF Leyland bin-numru ta' registrazzjoni FAE 565**

Dwar dan il-vann, saret stima minn Natalino Agius li tah valur lil dina l-vettura ghall-prezz ta' €42, 000. L-attrici qed tinsisti li din l-istima hija baxxa wisq u qed titlob li jitqabbad surveyor iehor u ssir stima ohra. Bir-rispett kollu t-talba tal-attrici hija tardiva wisq u ghalhekk il-Qorti ser toqghod fuq l-istima moghtija.

Ma jidhirx li hemm  kontestazzjoni li l-vann jigi assenjat lill-konvenut u ghandu jghaddi sehemhu lill-attrici. Il-kontestazzjoni tirrigwarda l-arretrati ta' licenzji ghaliex il-konvenut qed jippretendi li jinqassmu bejniethom bhala dejn tal-komunjoni.

Mill-provi jirrizulta li kemm il-darba l-attrici kienet talbitu sabiex ibieghu dan it-trukk, izda dejjem irrifjuta. Inoltre, jekk kellu uzu minn dan it-trukk il-konvenut kien fid-dmir tieghu li jhallas l-licenzji regolarment u ghaldaqstant, ghandu jassumihom hu.

**Karozza Funcargo bin-numru ta' registrazzjoni CBN 191**

Hemm qbil li dina l-vettura qed tinstaq mill-attrici u giet stmata ghall-valur ta' €1, 300.  Hemm qbil ukoll li dina l-vettura ghandha tigi assenjata lill-attrici u

ghandha tghaddi lill-konvenut sehemu jew altrimenti jitnaqqas mill-krediti li ghandha tiehu hi minghand il-konvenut.

**Vauxhall Vectra**

Dina l-vettura giet impurtata mill-Inghilterra u l-konvenut xtaq igibha sabiex juzawha fil-familja. Izda jammetti hu stess li l-ispejjes relatati mar-registrazzjoni kienu esorbitanti u ried ibieghha u jsostni li ma setax isib il-bejgh taghha. L-attrici ssostni li dan kien tipiku tal-konvenut li jwebbes rasu b'xi haga u jibqa' ostinat.

Is-surveyor ippropona li dina l-vettura ghandha tigi skrappjata ghaliex sabiex tinhareg fit-triq iridu jithallsu somom kbar ta' flus rapprezentanti spejjes ghar-registrazzjoni, kif ukoll spejjes ghall-hsarat peress li ma ntuzatx.

Il-konvenut qed jippretendi li l-arretrati ta' licenzja, kif ukoll l-ispejjes relatati mal-iscrappage u kwalsiasi spejjes ohra li jistghu jkun hemm ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

Bir-rispett kollu dina l-Qorti tirrileva li l-konvenut missu akkwista l-informazzjoni mehtiega qabel ma' mar jakkwista dina l-vettura u gabha minn barra. Jekk ma setax jiflah ghaliha messu ma gabhiex u huwa f'dan il-kuntest li dina l-Qorti ma tridx tilqa' dak propost mill-konvenut. Ghaldaqstant, l-arretrati ta' licenzji, spejjes relatati mal-iscrappage fees u kwalsiasi spejjes ohra ghandhom jigi ssopportati mill-konvenut.

Hemm diversi vetturi ohra li l-konvenut iddikjara li dawn m'ghadhomx fil-pussess tieghu. Dawn huwa s-segwenti:-

i. Il-vettura Dodge bin-numru ta’ registrazzjoni BAG 209 u fis-seduta tal-4 ta’ Frar ikkonferma li m’ghadhiex fil-pussess tieghu.

ii. Van Transit bin-numru ta’ registrazzjoni KAQ 215

Il-konvenut ighid li dina l-vettura giet trasferita bi tpartit ma’ xi hadd tal-hadid.

iii. Skoda Favorit bin-nurmu ta’ registrazzjoni BAC 739 u fis-seduta tal-4 ta’ Frar, 2020, il-konvenut ikkonferma li kien iskrappja dina l-vettura u li ghal tali bejgh kien qala’ madwar €50. Dispost li jghaddi lill-attrici €25. L-attrici tikkontendi li ma taqbilx ma’ dan l-ammont.

iv. Vettura Opel Astra bin-numru ta’ registrazzjoni BRN 529

Ukoll fis-seduta tal-4 ta’ Frar, 2020, il-konvenut jikkonferma li kien partat dina l-vettura ma’ pompa ta’ diesel u ghalhekk ma kinitx fil-pussess tieghu.

In kwantu jirrigwarda dawn il-vetturi, l-attrici qed titlob lil dina l-Qorti sabiex tiehu sehemha billi ssir valutazzjoni *arbitrio boni viri* minn dina l-Qorti. L-attrici qatt ma ressqet xi provi sabiex taghti indikazzjoni tal-valur ta’ dawn il-vetturi u ghalhekk isir kompitu difficli ghal dina l-Qorti biex tikkwantifika ammont ghall-attrici u ghalhekk ser tirrespingi t-talba taghha.

**<u>Mapfre MSV Life Policy</u>**

Rigward dina l-polza hemm qbil bejn il-partijiet li l-istess polza hija parafernali ghall-konvenut stante li kienet infethet qabel iz-zwieg. Jinghad ukoll li hemm qbil

ukoll li l-attrici ntitolata li tircievi s-somma ta’ €6, 124.52, liema somma tirrapprezenta sehemha mill-policies li thallsu fiz-zwieg.

**Life Insurance policy mal-HSBC Life Assurance Malta Ltd.**

Dina l-loan hija marbuta mal-loan li hemm intestati f’isem il-partijiet. Il-polza nharget sabiex tinghata bhala garanzija ghal-loan f’kaz li xi wiehed mill-partijiet jigi nieqes u ghaldaqstant, dina l-istess polza ghandha tibqa’ wahda kongunta sakemm jigi saldat il-loan u meta dan isehh ghandha tigi likwidata u diviza bejn il-partijiet.

**Dar Matrimonjali 170, Madonnina, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi**

Dan il-post inxtara mill-partijiet permezz ta’ skema tal-Awtorita’ tad-Djar permezz ta’ kuntratt ta’ akkwist datat is-6 ta’ Frar, 1996. Ic-cens gie mifdi fit-12 ta’ Mejju, 1998 u ghaldaqstant fiz-zwieg.

Il-punt in kontestazzjoni rigward id-dar matrimonjali hija l-ispiza tal-materjal. Il-konvenut jinsisti li hu kien hallas ghall-materjal kollu u ghalkemm l-attrici kienet tahdem dak iz-zmien m’ghamlet ebda kontribut. Jinghad ukoll li missier il-konvenut kien bena l-post u dan il-punt lanqas m’hu in kontestazzjoni u li kien gie meghjun minn JC, li bena l-faccata u kien anke ghamel il-kamra tas-salott.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta ukoll li l-konvenut kemm il-darba kien ihalli lil missieru jhallas lill-haddiema li kien hemm fuq il-post, imbaghad kien jirranga mieghu.

Dwar il-materjal tqabbad il-Perit Joseph Zahra li fir-rapport tieghu ikkwantifika l-ispiza ghall-materjal ghall-valur totali ta’ €40,000 ghax-xogholijiet li l-

konvenut qallu li hallas bejn l-1991 u l-1995. L-attrici, ghalkemm ma kkontestax ir-rapport tal-Perit, tikkontendi li fl-ebda hin il-konvenut ipprezenta xi rcevuti sabiex jipprova l-ispejjes li ghamel. Il-Perit tqabbad mill-konvenut u l-attrici ma talbitx li jitqabbad perit mill-Qorti.

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attrici li ***"il-prova ta' pagament trid tkun wahda konkreta u kompleta u f'kaz li ma jkunx hemm rcevuta, iridu jingiebu provi ohra tajbin u konvincenti. Il-provi migjuba f'dan il-kaz mhux talli ma huma xejn sufficjenti jew konvincenti, izda talli huma inezistenti***." L-istess konvenut jammetti li ma kellux fil-pussess tieghu l-ircevuti pero' seta' jakkwisthom, prova li baqa' ma gabx. Ghalkemm il-Perit Zahra ta' valutazzjoni dan huwa ghab-bazi ta' dak li qallu l-konvenut u ghalhekk dina l-Qorti ma tqishomx bhala prova sufficjenti u konvincenti.[37]

Ghaldaqstant, dina l-pretensjoni tal-konvenut ghandha tigi respinta.

L-attrici qed tinsisti li tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali sakemm il-minuri taghlaq 23 sena u dan qed jigi kkontestat mill-konvenut. Jekk verament il-partijiet ghandhom l-intenzjoni li jbieghu d-dar matrimonjali, ghax hekk jirrizulta mis-sottomissjonijiet taghhom, huwa bla skop li l-attrici u uliedha jibqghu jghixu hemm ghal certu perjodu. Ghalhekk id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh malli t-tifla minuri taghlaq tmintax-il sena, b'dan li kull wiehed mill-partijiet ikollu d-dritt li jixtri s-sehem tal-iehor.

Ghall-finijiet tal-bejgh dina l-Qorti ghandha tinnomina Perit sabiex issir valutazzjoni tal-fond matrimonjali, stante li l-valutazzjonijiet migjuba mill-partijiet minn periti ex parte, ma jaqblux.

---

[3737] Fol. 688 tal-process

**Premessi**

Mix-xhieda ta’ Paul Demajo Albanese in rapprezentanza tal-Ministeru ghall-Ekonomija, Investimenti u Investiment Zghar li kkonferma li f’isem il-konvenut kine hemm erba’ licenzji u dawn kollha nhargu fiz-zwieg. Dawn jikkonsistu f’licenzja numru 9/173 ta’ steeet hawker, licenzja numru 09/271 ta’ market hawker, licenzja 09/328 li m’ghadhiex attiva u licenzja numru 09/262 ta’ pedlar.

L-attrici qed titlob li ssir valutazzjoni ta’ tali permessi f’dan l-istadju, pero’ ghal darb’ohra dina l-Qorti ccanfar lill-attrici li jekk riedet taghmel valutazzjoni dan kellu jsir ferm qabel u mhux meta gia’ nghalqu l-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ciononostante, l-attrici mhix qed toggezzjona li dawn il-permessi jigu assenjati lill-konvenut u hekk ser tordna dina l-Qorti.

**Kirja tal-garaxx gewwa Triq il-Harruba, Siggiewi**

Il-konvenut kien insista mal-attrici li kellu bzonn jikri garaxx sabiex jiggaraxxjaw t-trakk tal-marka DAF Leyland u dan sabiex jevita li jhallas citazzjonijiet jekk kemm-il darba kien ihalliha barra.

Mir-rizultanzi processwali, jirrizulta li l-konvenut ghal darb’ohra ghamel ta’ rasu u dan meta minkejja li l-attrici opponiet ghal dina l-kirja saret taf biss meta kienet irrispondiet telefonata ghall-konvenut fejn is-sid tal-kera certu Maria kienet cemplet biex tikkonferma li l-kirja kienet ta’ €500 kull tlett xhur. L-attrici baqghet topponi li ser tiffirma ghal dina l-kirja u l-verzjoni taghha hija iktar kredibbli,

meta Dr. Maria Delia, bint sid il-kera stqarret li kienet tat il-konvenut l-iskrittura privata u talbitu sabiex igib il-firma tal-attrici. Ghalkemm l-iskrittura giet iffirmata fl-10 ta' Settembru,, 2019 tahseb li l-istess skrittura ma gietx irritornata mill-konvenut.

Ghaldaqstant, dina l-kirja ghandha tigi assenjata lill-konvenut.

**<u>Dejn ma' C. Camilleri & Sons Ltd.</u>**

Mill-provi prodotti jirrizulta  li sal-21 ta' Awissu, 2018, kien hemm debitu ma' Camilleri & Sons Ltd fl-ammont ta' €1,331.38.

L-attrici tinsisti li m'ghandhiex tkun obbligata thallas ghal nofs dan id-dejn stante li l-konvenut kien baqa' jopera n-negozju wahdu u nhargu diversi invoices anke minn wara li kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali u ghalhekk dawn saru ad insaputa tal-attrici.

Ghalhekk dan id-dejn ghandu jigi assenjat lill-konvenut.

**<u>Dejn ma' M.L. Fiteni</u>**

Rigward dan id-dejn, minkejja li m'hemmx kontestazzjoni mill-partjiet, hemm varji inkonsistenzi bejn il-partijiet fuq il-perjodu u anke fuq il-hlasijiet. Il-konvenut ighid li l-ammont tad-dejn kien ta' €2, 598.26 u kien sar pagament ta' €600 fit-13 ta' Settembru, 2018 u cioe' qabel ma giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Il-pagament l-iehor mhuwiex car ghaliex l-attrici tghid li sar fis-sena 2017 u ma ssemmix l-ammont, filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-pagament sar fit-23 ta' April, 2019 u cioe' wara x-xoljiment tal-komunjoni.

L-attrici kienet konsapevoli li jezisti dan id-dejn u inoltre peress li l-kalkulazzjonijiet maghmula mill-konvenut huma iktar verosimili l-Qorti tordna li l-attrici ghandha thallas sehemha minn dan id-dejn, li skond il-kalkolazzjonijiet tal-konvenut huma (€2598.26-€600=€1998.26/2**=€999.13**). Fi kwalunkwe kaz dan l-ammont jista' jitnaqqas minn kwalsiasi kreditu li ghandha l-attrici minghand il-konvenut.

**Dejn mal-Arms Limited**

Mir-rapprezentanti tal-ARMS gie kkonfermat li kien hemm pendenzi ta' €1,176.52. L-attrici tirrileva li l-konvenut ghandu jhallas l-arretrati, filwaqt li hi thallas il-kontijiet u arretrati li hemm minn meta l-konvenut gie zgumbrat.

Il-Qorti tikkontendi li l-familja kienet kbira u kien hemm sitta minn nies ighixu fl-istess fond. Anke jekk il-konvenut naqas fid-dmirijiet tieghu huwa gust li dawn l-arretrati jinqasmu bejn il-partijiet.

**Dejn ma' tal-Mazina**

Kif dejjem jirrizulta f'dan id-dejn hemm inkonsistenzi u verzjonijiet konfliggenti bejn il-partijet. L-attrici ttenni li l-konvenut kien l-ewwel qallha li kien ghamel dan id-dejn wara li partat generator, imbaghad innega li kien minnu. Il-konvenut jichad ghal kollox dina l-verzjoni u jikkontendi li d-dejn jezisti mal-ahwa P u S B, u kien jammonta ghal €13, 986.

Fil-mori tal-proceduri, il-konvenut ipprezenta dikjarazzjoni maghmula mill-ahwa B li l-konvenut huwa debitur fil-konfront taghhom u dan sar fl-24 ta' April, 2018 u ghalhekk wara li l-partijiet bdew bis-separazzjoni. Inoltre, l-istess awtenticita'

tal-iskrittura hija dubbjuza meta lanqas biss hija ffirmata mill-konvenut jew mill-attrici stess.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatti, il-konvenut ghandu jassumi dan id-dejn.

**Dejn relatat ma' citazzjonijiet u taxxi**

Il-konvenut stess ma qghadx joghmod il-kliem u ammetta li kien ghazel li sabiex ighijex lill-familja tieghu ma jhallasx taxxi u bolol. Ma jistax jippretendi li n-nuqqasijiet tieghu ghandha tbatihom l-attrici.

Ghaldaqstant, kwalsiasi citazzjonijiet u taxxi ezistenti ghandhom jigu assunti kollha mill-konvenut.

**Mobbli appartenenti l-komunjoni**

a) **Karru**

In kwantu jirrigwarda l-karru li kien jinzamm faccata tad-dar il-Qorti ezaminat dak li gie sottomess mill-partijiet. Peress li jirrizulta li l-konvenut jammetti li dan l-istess karru nbiegh ghall-prezz ta' elf Euros u ghalhekk ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' hames mitt Euros.

b) **Gabbana**

Hemm qbil li dina l-gabbana kienet inxtrat minn missier il-konvenut, li mbaghad kien irrestawraha u kien hemm nefqa ta' cirka Lm7000. Illum isostni li dina l-

gabbana nsterqet meta ma kellux alternattiva hlief li jhalliha fit-triq. Kien sar rapport tas-serqa mal-Pulizija.

Gialadarba dina l-gabbana nsterqet u jirrizulta li ghadha ma nstabitx, hadd m'ghandu jippercepixxi l-ammont li ntefaq sabiex jigi rrestawrat, ghax kemm il-konvenut u lanqas il-familja tieghu m'ghamlux l-almu taghhom biex isakkru l-gabbana, Inutli li l-konvenut ighid li halliha taht il-kamera tal-Kunsill u ma setax jaghmel katnazz ghax kien talab lit-tfal u m'ghamlux. Facilment seta' mar jixtri katnazz hu!

L-attrici pero' ghandha tinghata sehemha miz-zewg fidges, top loaders u form elettriku li kienu jinsabu fil-gabbana u l-konvenut kien poggihom fil-garaxx.

c) **Generators**

Hemm qbil bejn il-partijiet li hemm zewg generators li jappartjenu lil RC u fuq dan m'hemmx kontestazzjoni.

Dwar iz-zewg generators l-ohra jirrizulta li hemm kontestazzjoni dwar il-generator li skond l-attrici jiswa 18, 000 sterlina. Ma ngabux provi da parti tal-attrici fuq dan il-generator u ghalhekk dina l-Qorti ma thossx li ghandha tikkunsidra ghall-finijiet u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Jibqa' ukoll il-generator li nxtara mill-konvenut mill-Inghilterra. Minkejja li jsostni li gialadarba l-attrici qed tippretendi li tiehu sehemha mill-istess generator ma gabitx provi tal-valur tal-istess gabbana. Madanakollu, il-konvenut stess jammetti li kien xtrah ghall-valur ta' GBP 1100. Il-konvenut mhix konvincenti fix-xhieda tieghu dwar x'sar minnu dan il-generator ghax filli jghid li l-generator qieghed id-dar, imbaghad ighid li qieghed ghat-tiswija, Il fatto sta li ma nnegax

li kien xtara generator u hu fejn hu l-attrici ghandha dritt ta' sehemha u cioe' GBP 550 (ekwivalenti ghal €636.60).

**<u>Oggetti u ghodda li jinsabu fil-garaxxijiet tal-partijiet</u>**

Il-partijiet jaqblu li fil-garaxx ta' taht id-dar matrimonjali, kif ukoll il-garaxx ta' Triq il-Harruba, Siggiewi hemm diversi oggetti li kienu juzaw sabiex ibieghu l-affarijiet fil-festi u l-Buskett.

Hemm qbil li l-oggetti li kienu rrelatati mal-bejgh tal-qubbajt kienu jappartjenu lil RC.

Bhala oggetti li jidher m'hemmx kontestazzjoni fuqhom. Jirrizulta li hemm stand li biha jarmaw il-preserves, bank li kienu jbiegh d-donuts u ghodda ghall-istess, Kenwood industrijali, zewg magni tal-kebabs, zewg friers, magna tal-popcorn, magna tal-granita, magna ta' wraps u crepes u tagnijiet kbar, grilla u balja.

Skond il-konvenut il-magna tal-crepes kien taha lil huh peress li kellu jtih €1,200. Ma jirrizultax li l-attrici qed topponi ghal dan.

Dwar il-bqija tal-oggetti li jinstabu fil-garaxxijiet fuq imsemmija, l-attrici tipproponi li ghandha tigi assenjata l-mobbli li jinstabu fil-garaxx ta' taht id-dar, filwaqt li l-konvenut jiehu l-mobbli li jinstabu fil-garaxx ta' Triq il-Harruba, Siggiewi.

Il-Qorti tirrileva pero' li biex tilqa' l-proposta tal-attrici jehtieg primarjament li ssir valutazzjoni tal-istess ghodda u ghalhekk ghandu jigi nominat perit sabiex

jivvaluta l-istess ghodda u jekk hemm diskrepanza ghandha ssir ekwiparazzjoni apposita.

**Kreditu rigwardanti kumpens ta' danni dovuti lill-konvenut**

Wara korriment tal-konvenut fuq il-post tax-xoghol, il-konvenut kien spicca li fetah kawza sabiex jinghata kumpens. Il-Qorti kienet tatu €9,309.77 bhala kumpens u kien appella minn dina s-sentenza peress li ma kienx kuntent bil-kumpens ordnat.

L-attrici qed tippretendi sehemha mill-ammont li gie ordnat jew dak li jigi ordnat bl-appell.

Il-Qorti hija iktar propensa li tilqa' r-ragunament tal-konvenut u cioe' li l-ammont moghtija bhala kumpens ghall-korriment mhux flus generat mill-hidma tal-partijiet u ghaldaqstant ma jaqax taht il-kappa tal-komunjoni tal-akkwisti.

Biex isahhah l-argument tieghu, il-konvenut jiccita s-sentenza **Jethro Bugeja pro.et. noe. vs Josette Bugeja Micallef (Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) 9 ta' Gunju, 2020** fejn il-Qorti enucjat hekk:-

***"Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, hlas ta' danni ghall-korriment ma jistax jitqies bhala flus generat mill-hidma tal-partijiet u ghalhekk din is-somma ta'  €8451.48 li rcieva l-attur bhala kumpens wara li korra fuq il-post tax-xoghol ma tistax titqies bhala li tifformi parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda li hija kollha tieghu fl-intier taghha."***

**Affarijiet Parafernali tal-attrici**

Fl-affidavit taghha l-attrici elenkat lista ta' oggetti li huma parafernali ghaliha u fuqhom il-konvenut ma jsib l-ebda oggezzjoni. Dawn jikkonsistu f'sett ta' borom IMCO, Kenwood, tazzi, dixxijiet, lozor, xugamani, affarijiet tal-marka Tupperware, hadida u mejda tal-moghdija, dehumidifier, dinner set tac-ceramika, blender, dinner set.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici u ghall-minuri M,  skond kif imfisser iktar 'l fuq.
5. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li l-istess spejjes huma nkluzi fis-somma ordnata minn dina l-Qorti bhala manteniment.
6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna li l-passaport tal-minuri M jinzamm mill-attrici u ghandu jinhareg minghajr il-kunsens tal-konvenut. L-istess japplika in kwantu jirrigwarda s-safar tal-minuri, dan ghandu jsehh minghajr il-kunsens tal-konvenut.
7. Tilqa' s-seba' talba attrici.
8. Tichad it-tmien talba attrici.
9. Tilqa' d-disa' talba attrici u tordna l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser u tinnomina lil perit Vincent

Ciliberti ghal-valutazzjoni tal-mobbli li jinsabu fil-garaxx taht id-dar matrimonjali, kif ukoll il-garaxx fi Triq il-Harruba, Siggiewi u n-nutar Clinton Bellizzi u kuraturi deputati biex jidher fuq il-bejgh tal-istess dar matrimonjali u cioe' 170, Madonnina, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi.

10. Tilqa' limitatament l-ghaxar talba attrici u tordna lill-attrici u uliedha sabiex jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali sakemm il-minuri M taghlaq tmintax-il sena, u tinnomina lill-Perit Marie Louise Galea Caruana sabiex issir valutazzjoni tal-istess dar matrimonjali.
11. Tilqa' l-hdax-il talba attrici u dawn gew assenjati kif fuq imfisser.
12. Tilqa' t-tnax-il talba attrici u tinnomina lill-kuraturi deputati.
13. Tichad it-tlettax-il talba attrici.
14. Tilqa' l-erbatax-il talba attrici.

L-ispejjez u l-imghaxijiet ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**